# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 1999

**Numru 104**

**Citaz. numru 56/88 DS**

John Gatt
vs
Joseph Muscat

Illum, 18 ta' Ottubru 1999

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentat fit-22 ta' Jannar 1988 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' elf hames mija u tmenin lira maltin (Lm1,580) bilanc import ta' xogholijiet tal-ghamara u xogholijiet ohra tal-injam skond appalt minnu moghti lill-attur:- skond kopja tal-fattura numru 82 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. "A".

Illi fil-fehma tal-attur, il-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba attrici. (Dok. "B").

talab lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. tghaddi biex tiddeciedi t-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Edizzjoni Riveduta, 1984).

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u tmenin lira Maltin (Lm1,580) ghall-fattura numru 82 (Dok. "A")) bilanc prezz ta' xogholijiet tal-ghamara u xogholijiet ohra tal-injam

lilu mibjugha u kkonsenjata mill-istess attur fuq ordni tal-konvenut; bl-imghaxijiet kummercjali mill-25 ta' Novembru 1987 sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra legali tad-9 ta' Novembru 1987 kif ukoll tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Novembru 1987 kontra l-konvenut li huwa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Preliminarjament id-domanda attrici hija intempestiva.

2. Fit-tieni lok il-prezz miftiehem bejn il-kontendenti in konnessjoni ma l-appalt moghti mill-eccipjent lill-attur ghal xoghol ta' l-ghamara kien ta' Lm1440 li minnu l-eccipjent diga hallas Lm460.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut kif verbalizzata fis-seduta tal-15 ta' Jannar 1990 li l-ammont li qed jintalab ghax-xoghol tas-suffitt (inkluz ta' xoghlijiet ohra tal-injam) hu esagerat;

Rat ir-relazzjoni tal-espert tekniku l-A.I.C. David Pace minnu mahlufa fit-13 ta' April 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Il-vertenza tirrigwarda bilanc li qed jippretendi l-attur ghal xoghol ta' ghamara u xoghol iehor ta' injam skond kif jidher mid-Dok. A a fol. 5 tal-process. Fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut eccepixxa preliminarjament l-intempestivita' tac-citazzjoni u fit-tieni lok li l-prezz miftiehem kien ta' Lm1440 u mhux ta' Lm2040. Imbaghad fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu jsostni li billi l-attur ma kienx ghadu espleta l-inkarigu tieghu ma jistax jitlob il-hlas qabel ma dan jitlesta, apparti li mbaghad iridu jsiru konteggi peress li l-konvenut kien qabbad xi nies biex ighinu lill-attur fl-inkarigu tieghu.

Ta' min ighid mill-ewwel li l-konvenut ma xehedx u ma ressaqx provi. Ghalhekk il-konsiderazzjonijiet opportuni jridu jsiru a bazi ta' dak li

xehdu l-attur u x-xiehda minnu prodotti u a bazi tal-konstatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku.

L-attur ikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghu u zied jispjega li apparti xoghol ta' ghamara kellu wkoll xoghol iehor ta' injam (jigi notat li b'digriet ta' l-24 ta' Gunju 1988 saret korrezzjoni fic-citazzjoni billi effetivament zdiedu l-kliem "u xoghlijiet ohra tal-injam" wara l-kliem "xoghlijiet tal-ghamara"). Huwa qal li x-xoghol lestieh kollu u anke kkonsenjah. L-uniku xoghol li kien ghad jonqos xi jsir kien ta' handles ta' xi ftit mill-kmamar tas-sodda u dan kien dovut ghall-fatt li l-konvenut ma kienx issupplixxihom. Skond l-attur il-ftehim originali kien li l-konvenut jissupplixxi l-materjal u hu jahdimlu x-xoghol. Il-kont tieghu huwa biss ghal mano d'opera. Kellu zewg impjegati mieghu fuq dan ix-xoghol, huh Anthony Gatt u Franco Schembri, hu l-mara tieghu. Ikkonferma li l-konvenut baghtlu tnejn min-nies biex ighinuh izda meta ra li x-xoghol taghhom ma kienx tajjeb ghax kellu jaghmlu warajhom, lill-konvenut qallu li jekk irid jibaghthom jibaghthom u jekk ix-xoghol ikun tajjeb ihallashom izda jekk le ma kienx lest li jhallashom. Fil-fatt kienu marru jghinuh biss ghal xi gimgha, gimgha u nofs.

Anthony Gatt ikkonferma li kien hadem ma' l-attur fuq ix-xoghol ordnat mill-konvenut u li dan ma kienx gabilhom il-pumi kollha biex jitwahhlu fl-ghamara. Qal li l-konvenut gieli baghat xi nies biex ighinuhom biex igorru l-ghamara. Telaq mix-xoghol meta kien beda jitwahhal is-soffitt.

Franco Schembri qal li hu mar xi erba', hames darbiet biex ighin lill-attur fl-esekuzzjoni tax-xoghol in kwistjoni.

Minn hawn jidher li l-eccezzjoni ta' intempestivita' ma tistax tigi akkolta. Jekk ix-xoghol li kien ghad jonqos fl-ghamara ghall-kmamar tas-sodda kien biss it-twahhil ta' pumi, u dan ma sarx ghax kien l-istess konvenut li naqas li jissupplixxihom, ma jistax allura issa jilmenta li x-xoghol ma tlestiex. Inoltre l-konvenut ma ressaq l-ebda prova in sostenn tal-pretensjoni vantata fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu minhabba li baghat xi nies ighinu lill-attur. U stante li m'hemmx kontestazzjoni dwar il-prezz tal-kmamar tas-sodda m'hemmx dubju li s-somma relattiva hija dovuta.

Dwar is-somma ta' Lm600 pretiza mill-attur ghal xoghol iehor li ghamel, irrelata l-perit tekniku. Huwa qal li "meta jitqies li l-attur hadem diversi xhur fuq ix-xoghol tal-konvenut pero' jigi skontat iz-zmien illi hadem fuq il-kmamar tas-sodda illi dwarhom ma hemmx kontestazzjoni, kif ukoll illi jekk jitqies illi sabiex jipprezza x-xoghol tieghu ghall-manifattura tal-

bank tar-Reception u l-garzellar tac-cwievet warajha, huwa pprezza fuq il-prezzijiet tas-suq u naqqas biss il-prezz ta' l-injam, l-esponent ma ghandux dubbju illi l-prezz ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) … huwa ragonevoli hafna, anke ghaz-zmien li fih inhadem ix-xoghol." Din is-somma ghalhekk ghandha tinghad mal-prezz tal-kmamar tas-sodda.

Konsegwentement il-bilanc mitlub mill-attur ta' Lm1580, cioe' s-somma komplessiva ta' Lm2040 li minnha jitnaqqas il-pagament akkont ta' Lm460, hija dovuta mill-konvenut.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' Lm1580. Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur